MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 230/2013

**GO p.l.c. C 22334**

**vs.**

**Abulkadir Korane Naima K.I. 57082 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' sitt mija u ħmistax-il Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€615.27), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (*A/C40146976)* u li jinkludi telefon, servizz ta' televiżjoni u servizz ta' internet, liema servizzi ġew reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-

Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' sitt mija u ħmistax-il Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€615.27), bl-imgħax legali dekorribbli mill-15 t'April 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------